# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ DIĊEMBRU
L-AKKADEMJA TAL-MALTI 1972


## WARA Ċ-ĊINKWANTINARJU

*L-EWWEL u l-aqwa ħaġa li tgħallimna fil-festi ċinkwantinarji ta' l-Akkademja hi x-xejra li ħadet din l-Għaqda tagħna fil-ħajja kulturali u soċjali ta' pajjiżna.*

*Illum l-Akkademja hi magħrufa minn kulħadd, meqjusa bħala waħda mill-aqwa korpi ta' koltura, għażiża għal kull min iħobb art twelidu, u miżmuma fuq wiċċ l-idejn minn dawk li jixtiequ li l-ilsien tagħna jgħaddi 'l quddiem u l-letteratura tagħna togħla u tieħu postha fost l-oħrajn ta' pajjiżi barranin.*

*Minn bidu mnebbaħ minn rieda tajba, l-Akkademja rabbiet l-egħruq, ixxettlet, kibret, indaħlet għal xogħol ta' fejda, inqdiet b'ħidma siewja u ġusta, ħabirket biss wara dak li hu ta' fejda għall-Ilsien Malti u ta' ġieh għal din l-art ħanina tagħna, u ma qieset xejn aktar.*

*Matul nofs seklu ta' ħidma bla hedu, il-Għaqda jew l-Akkademja, kif illum hi magħrufa, iltaqgħet ma' għawġ qalil, ġarrbet niket u sabet tfixkil minn għedewwa li ma fehmux il-ħsieb ħanin tagħna. Kien hemm min, għall-finijiet ta' moħħu, ried jeqridha u kien hemm min ried iwaqqagħha għaċ-ċajt, imma l-ebda saram ma waqqaf lill-Għaqda fil-mixja tagħha lieżma u għaqlija. Hi baqgħet sejra bil-ħila u bis-sabar fit-triq li tieħu lejn ir-rebħa aħħarija, mhux ir-rebħa tagħha imma ta' Malta u tal-Maltin.*

*Ħafna kienu kontra l-Għaqda għax ma fehmux il-ħsieb li għalih twaqqfet, tant hu hekk li kien hemm dawk fosthom ta' rieda tajba li daru magħna meta ntebħu x'kienet il-ħidma tagħna. Aħna ilqajnihom b'qalbna kollha imma, fl-istess waqt, aħna qatt ma għaddejna ruħna b'għedewwa ta' dawk li kienu kontra tagħna: aħna nħossu li dawk li ma jaqblux magħna, jagħmlu hekk għax għadhom ma fehmux l-iskop ta' l-Akkademja, jew ukoll forsi għax aħna ma wrejnihomx ċar bizżejjed il-fehma li għaliha qegħdin naħdmu. Għalhekk issa nistiednuhom jersqu lejna, jitkellmu magħna ħalli lkoll flimkien nifthu qalbna bħal ħbieb, għax kollox fuq kollox, aħna jidhrilna li kulħadd għandu ħsieb ewlieni f'moħħu, dak li jisfa ta' ġid lill-art twelidna.*

*Hawn mhux il-ħsieb tagħna li nġibu l-ferħat li ġarrbet*

*l-Għaqda, issa Akkademja, fil-medda tas-snin ta' ħajjitha; anqas ma rridu niftaħru bil-bosta rebħiet li kellha matul ħidma ta' nofs seklu. Jekk wieħed iġib quddiem għajnejh il-Malti, kif kien fil-bidu tas-seklu li aħna fih u kif inhu llum, għandu jintebaħ li l-ħidma tal-Membri Akkademiċi, mejtin u ħajjin, ma kenitx xogħol fieragħ u bla fejda.*

*Imma jeħtieġ li din il-ħidma tagħna ma tonqosx. jeħtieġ li tibqa' sejra sħiħa u qawwija, bla għira u bla mibegħda, fis-sedqa u fis-sliem, biex tiġbed lejha u tħaddan magħha nies, għaqdiet u xirkiet ta' rieda tajba u qalb ħanina u fehma waħda. Fejn jindaħal il-ġid ta' l-Ilsien Malti ma għandux ikun post għal nuqqas ta' ftehim; fejn tilħaq l-imħabba lejn art twelidna ma għandhiex tasal il-firda.*

*Mela ngħollu ħsiebna 'l fuq, ningħaqdu flimkien, ingħajtu għalenija,* "Altior! Excelsior!" *u nintefgħu bil-ħrara ta' qalbna kollha biex it-tieni ċinkwantinarju fl-istorja ta' l-Akkademja ma jkunx anqas ta' ġieh mill-ewwel wieħed għalina u għall-ilsien tagħna.*